**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Dicembru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Christian Faranda Gnao**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati fis-seduta tal-lum stess - migjuba kontra:

Christian Faranda Gnao ta' erbgħa u tletin (34) sena, iben Antonio u Anna Vacarella, imwieled ġewwa Caltagirone, l-Itlaja, fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju 1990, u detentur ta' Passaport Taljan bin-numru AY0336998;

Akkuzat talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (17:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), minn ġewwa Razia Court, Mensija Road, San Ġwann u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' scooter minn ġewwa blokka t'apartamenti liema serq huwa kwalifikat bil-valur liema valur jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta'

Kaveh Abbasi u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

2. Talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D, nhar it-8 t' April 2024, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula

Akkuzat ukoll talli matul il-lejl ta' bejn il-wieħed u tletin (31) t' Awwissu u l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-siegħa (1:00hrs) u s-sagħtejn (2:00hrs) ta' filgħodu, minn ġewwa Spar Express, Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommetta serq, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bil-valur ta l-oġġetti misruqa ma kienux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għad-detriment ta' l-istabiliment Spar Express u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;

4. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 1451 Cassar Roderick, PC 304 O'Neill Liam, PC 444 Pisani Nicole, PC 665 Spiteri Robert, PC 744 Bajada Joseph, PS 647 Zammit Josef, PS 826 Parnis Matthew persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qiegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz u, jew bil-ħsieb li jbeżża jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band' oħra fil-kodici kriminali;

6. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

7. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' PC1451 Cassar Roderick, PC 304 O'Neill Liam, PC 444 Pisani Nicole, PC 665 Spiteri Robert, PC 744 Bajada Joseph, PS 647 Zammit Josef, PS 826 Parnis Matthew jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu qed jagħmlu id-dmir

taghhom, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b’xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha’ taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra tal-liġi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Kaveh Abbasi, PC 1451 Cassar Roderick, PC 304 O’Neill Liam, PC 444 Pisani Nicole, PC 665 Spiteri Roderick, PC 744 Bajada Joseph, PS 647 Zammit Josef u PS 826 Parnis Matthew, Dipendra Pyakurel, Arpan Tamang u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputat Christian Faranda Gnao skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u f’każ ta’ ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi ai termini tal-Artikolu 382, 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A u/jew 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sitt snin u xahar prigunerija u multa ta' hamest elef Euro (€5,000) u jhallas l-ammont ta' erba' mija u hamsin Euro (€450) lill-persuna derubata fl-ewwel imputazzjoni.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk huwa ma heliex ir-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

**Konkluzjoni**

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 261(f), 270, 95, 338(dd), (ff) u (ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerajra ta' ghaxar (10) xhur u multa ta' tminn mitt Euro (€800.00).

(2) Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' xahrejn (2) prigunerija sospizi ghal sena moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-8 t'April 2024 tigi reza operattiva, u b'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tnax (12)-il xahar prigunerija;

(3) In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin Euro (€450) lil Kaveh Abbasi, rapprezentanti l-valur ta' l-iscooter minnu misruq.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjonii u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**